MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta tas-27 ta' April, 2006

Talba Numru. 367/2003

**International Trading Company b'ordni tat-Tribunal tat-28 ta' Marzu 2003, l-isem tas-socjeta` attrici ghandha tkun "Internationa Trading Company Ltd"**

**Vs**

**Saliba Charles**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-13 ta' Frar 2002 fejn is-socjeta` attrici talbet sabiex il-konvenut ihallas is-somma ta' Lm1000 (elf Lira Maltin) rapprezentanti kambjali iffirmati u skaduti.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

L-ammont dovut ta' Lm1000 huwa import ta' zewg (2) kambjali ta' Lm500 il wahda li skadew fil-31 ta' Awissu

1998 u fit-30 ta’ Settembru 1998 u li kopja taghhom hija annessa u immarkata Dok A.

Bl-ispejjez u l-imghax legali mid-data tal-iskadenza tal-kambjali u bl-ingunzzjoni lil-konvenut ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad:-

1. Illi l-intimat Charles Saliba li ghandu n-numru tal-karta tal-identita` 691644 (M), fl-ewwel lok m’ghandu ebda konnessjoni ma l-indirizz “Unika” f’numru 144, Constitution Street, gewwa l-Mosta, imma l-indirizz tan-negozju tieghu huwa f’”Eversweet”, fi Triq is-Sebh, Qormi u kien f’dan l-indirizz illi kellu jigi se mai notifikat l-intimat Charles Saliba li fl-interess tieghu ta ruhu b’notifikat il-konsulent legali tieghu Dr Emmy D. Bezzina fl-udjenza ta’ nhar il-Gimgha erbgha (4) ta’ Frar, 2005.
2. Illi fit-tieni lok l-intimat m’ghandu x’jaqsam xejn mal-mestier li jaghmel huh Emanuel Saliba u lanqas ma hemm l-ebda komunikazzjoni bejn l-intimat u huh Emanuel Saliba u allura Emanuel Saliba m’ghandu assolutament b’ebda mod jigi nvolut f’dan il-kaz odjern;
3. Illi l-intimat Charles Saliba jeccepixxi l-preskrizzjoni in linea preliminari tat-talba attrici a bazi tat-terminu tal-actio cambiala, u dan anke kif rifless f’sentenza (minn diversi sentenzi ohra), tal-Qorti Civili Prim’Awla ippreseduta mill-Onor Imhallef Albert J. Magri fl-idjenza ta’ nhar it-2 ta’ Ottubru, 2002, citazzjoni numru 1135/2001 fl-ismijiet “Anthony Sammut vs Joseph u Grace Peeters” li tillustra par eccelance it-terminu preskrittiv tal-actio cambiala, a bazi tal-kapitolu 13 tal-Ligijiet ta’ Malta u ligijiet ohra u regolamenti ezistenti f’Malta li jigvernaw l-actio cambiala, kif jidher li huwa l-mertu tal-avviz odjern;
4. Salvi eccezzjonijiet ohra ulterjuri.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi l-odjerna kawza tikkoncerna pagament ta’ zewg kambjali fl-ammont ta’ hames mitt lira Maltin (Lm500) il-wahda liema kambjali skadew, wahda fil-31 ta’ Awissu 1998 u l-ohra fit-30 ta’ Settembru 1998. In vista li din hija

azzjoni kambjarja l-konvenut qed jeccepixxi l-perjodu ta' dekadenza, liema perjodu ma giex indikat. It-Tribunal ghandhu johodha illi l-perjodu applikabbli huwa ta' hames snin (5), liema perjodu ma huwiex renovabbli bl-ebda att gjudizzjarju hlief li ghandha ssir citazzjoni appozita ghall-kanonizzazzjoni tal-kreditu tas-socjeta` attrici.

Ir-rapprezentant tas-socjeta` attrici xehed u spjega x'kienu c-cirkostanzi fejn gew iffirmati l-istess kambjali u accettati mill-istess konvenut. Il-konvenut naqas li jidher ghas-seduta u anka li jaghti x-xhieda tieghu.

It-Tribunal jirretjeni li una volta sitratta ta' l-kawza kambjarja, l-unika eccezzjoni li tistgha tinghata hija li timmerita l-formalitajiet ta' l-istess kambjala liema eccezzjoni ma nghatatx. Billi l-perjodu applikabbli huwa dak kwinkwennali u una volta il-kambjali skadew fil-31 ta' Awissu 1998 u 30 ta' Settembru 1998 u l-avviz gie prezentat fit-12 ta' Mejju 2003, allura l-azzjoni attrici giet intavolata entro termine.

Jiddeciedi billi filwaqt li tichad l-eccezzjoni tal-konvenut, jilqa` t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' elf lira Maltin (Lm1,000), bl-ispejjes u nteressi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------